MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## NADIA H. VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 547/2012

**Matsurv & Associates Limited**
**(C46332)**

**vs.**

**Jamar Limited (C21383)**
**u skont digriet fil-verbal datat 9 ta' Novembru 2012, l-isem tas-soċjetà konvenuta ġie sostitwit bl-isem "Jamar Malta Limited"**
**u b'digriet tat-Tribunal datat 8 ta' April 2013, l-isem tas-soċjetà konvenuta ġie sostitwit bl-isem "Jamar Limited"**
**u ġiet kjamata in kawża s-soċjetà "Jamar Malta Limited".**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2012, li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' elf mitejn u tletin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€1230.74).

> Illi s-soċjetà rikorrenti rrendiet numru ta' servizzi, ossia "surveying services" lis-soċjetà intimata bejn is-sena 2009 u 2010, hekk skont "statement of account" anness u mmarkat dokument MAT 1, u l-invoices annessi u mmarkati dokument MAT2 u MAT3.
>
> Illi nonostante illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata biex tħallas l-ammont dovut, ossija l-ammont ta' elf mitejn u tletin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€1230.74) flimkien mal-imgħaxijiet legali, dina baqgħet inadempjenti.

> Għaldaqstant, l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħgbu jordna lis-soċjeta` intimata tħallas lill-esponenti l-ammont ta' elf mitejn u tletin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€1230.74), flimkien mal-imgħaxijiet u ispejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali li ntbagħtet taħt l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra r-**Risposta tas-soċjetà konvenuta** ppreżentata fl-20 ta' Settembru 2012, fejn hija eċċepiet:

> Illi għal menu uħud mill-invoices huma preskritti bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149 (c) tal-kap. 16.;
>
> Illi mingħajr preġudizzju, l-uniċi invoices li huma dovuti huma dawk tal-04/11/2009 u tal-05/11/2009 li jammontaw rispettivament għal €189 u €42;
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi permezz ta' digriet datat 8 t'April 2013, it-Tribunal ordna illi tiġi kjamata in kawża is-soċjeta` Jamar Malta Limited.

Illi s-soċjeta` Jamar Malta Limited debitament notifikata, bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Seduta ippreżentat ir-**Risposta** tagħha fejn eċċepiet:

> L-esponenti jiddikjara li huwa ma għandu ebda konnessjoni mas-soċjeta` rikorrenti. L-esponenti wkoll jixtieq jiddikjara li filwaqt li jixtieq jagħmel tiegħu ir-risposta tal-konvenut l-ieħor, jikkontendedi li l-ammont jikkjamat mis-soċjeta` mhux dovut mir-rikorrenti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Sema' lid-difensur tas-soċjeta` attriċi jitratta l-ewwel eċċezzjoni.

Ra l-verbal tat-8 ta' Novembru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza preliminari dwar il-preskrizzjoni.

**Provi**

Sema' lil **Jason Mifsud** direttur tas-soċjeta' konvenuta li spjega li huwa kien irċieva talba għall-ħlas mingħand is-soċjeta' attriċi, datata 9 ta' Frar 2010. Minn dakinhar sa meta sar jaf bil-kawża huwa ma rċieva ebda komunikazzjoni bil-miktub mingħand is-soċjeta' attriċi.

Sema' lil **Mario Attard Travisan** direttur maniġerjali tas-soċjeta' attriċi, li spjega illi l-kumpanija attriċi tipprovdi servizzi ta' surveying prinċiparjament land surveying u engineering surveying. Is-soċjeta` attriċi pprestat servizzi lis-soċjeta' konvenuta fuq żewġ siti.

Fl-ewwel lok, kien hemm xogħol fuq *showroom* fl-Imsida, propjeta' ta' Domestica Limited u f'liema *showroom* ħadu ħsieb li jagħmlu *setting out* tal-kolonni. Dan ix-xogħol ġie ordnat permezz tat-telefon minn Pierre Farrugia li kien il-Perit responsabbli minn din is-*showroom*. Ix-xogħol ġie ordnat fit-12 ta' Ottubru 2009, u kien ta' natura urġenti. Meta lestew ix-xogħlijiet, Matsurv kienu ħarġu l-fattura relattiva u baqgħu ma tħallsux. Il-Perit kien informahom li l-fattura għandha tinħareġ lil Jamar Limited fl-indirizz Factory 9, Valletta Road, Marsa.

Ċirka kull tliet xhur kienu jsewgu l-fattura bit-telefon lil ċertu Jason. F'ċertu punt, dan kien talab lix-xhud biex l-invoice jagħmilha fuq l-owner tas-showroom pero' x-xhud ħass li hu qatt ma ltaqa mal-owner tas-showroom u dan ma kien tah ebda inkarigu.

It-tieni biċċa xogħol li kienu mqabbdin jagħmlu mis-soċjeta' konvenuta kienet fuq sit li jinsab fi Fleur-de-Lys, x'aktarx fix-showroom ta' Konica. Din id-darba s-soċjeta' konvenuta Jamar kienet talbet stima, liema stima huma kienu qablu magħha u kienu talbu lis-soċjeta` attiċi biex tibda x-xogħlijiet. Anke din id-darba, it-talba għall-ħlas. ma ġietx onorata minn Jamar għalkemm ix-xhud ikkonferma li darba permezz tat-telefon l-istess Jason kien ikkonferma li kellu jħallas dan l-invoice. Ix-xogħol f'din is-showroom kien jikkonsisti f'kejl preċiż ta' area partikolari li jissejjaħ 'precise area engineering survey'. Il-persuni li jaħdmu ma' Matsurv huma lkoll surveyors u mhux periti.

Qal li oltre li bagħtu l-kont normali bil-posta u t-telefonati li semma fejn kienu qed jinsistu dwar pagament, intbagħtet ukoll email u ittra reġistrata.

Sema' lil **Catherine Azzopardi** prodotta mis-soċjeta` attriċi fejn spjegat li bħala s-segretarja tas-soċjeta` attriċi hija ħadet ħsieb toħroġ il-kont u tibagħtu lis-soċjeta` konvenuta. Hija kienet ukoll issegwi bill tagħmel telefonati li ċertu Jason.

> *"Ngħid li meta kont nagħmel dawn it-telefonati, fil-bidu s-sur Jason kien jgħidli li ser jagħmel il-pagament mitlub. Aktar tard kien jgħidli biex ngħaddilu statement biex ikun jaf eżatt x'għandna ntuh, aktar tard ma kienx qed iwieġeb it-telefon u aktar tard kien beda jkellimni xi ħadd Alan. Oltre t-telefonati darba fix-xahar kont nieħu ħsieb nibgħat ukoll statement."*

Sema' wkoll lil **Perit Pierre Farrugia** u lil **Fabio Zammit** prodott mis-soċjeta' attriċi li kkonfermaw x-xogħolijiet li saru mis-soċjeta` attriċi.

**Konsiderazzjonijiet**

Il- konvenut qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kapitlu sittax tal-Liġijiet ta' Malta illi jistipula:

> ***"2149.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*
> *(ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;"*

Fl-ewwel lok, it-Tribunal għandu jikkonsidra jekk ix-xogħolijiet imwettqa mis-soċjeta` attriċi jaqgħux fl-ambitu tal-artikolu preskrittiv ċitat. Is-soċjeta` attriċi qed titlob ħlas għal servizzi ta' *land surveying* u *precise area engineering*. Dan ix-xogħol huwa eżerċizzju ta' professjoni fl-ambitu tal-artikolu ċitat? Jirriżulta li l-liġi tagħna fl-ebda kodiċi jew kapitolu ma tagħti definizzjoni ta' "professjoni". Fil-fehma tat-Tribunal, il-professjonista huwa persuna li jeħtieġ ċerta ħiliet, studju, taħriġ biex jista' jwettaq ix-xogħol tiegħu. Professjoni timplika taħriġ fil-qasam partikolari u xi drabi speċjalizzjoni. Mentri fil-passat, il-professjonijiet kienu tradizzjonalment it-tobba u l-avukati, illum is-soċjeta` tħaddan professjonisti f'kull qasam, għaliex diversi xogħolijiet wieħed ma jistax jagħmilhom mingħajr taħriġ speċifiku. Il-*land surveyor* huwa professjonist? Fil-fehma ta' dan it-Tribunal fl-affermattiv, għaliex ma jistax kwalukwe bniedem jagħmel dan ix-xogħol mingħajr ma jkun studja u tħarreġ fih. Jirriżulta li f'dan il-każ il-Perit, li huwa ċertament professjonista, ma setax jagħmel dan ix-xogħol, iżda ħtieġlu li jqabbad professjonista ieħor biex iwettqu minħabba l-partikolarita` tax-xogħol. Illi għaldaqstant hija fehma ta' dan it-Tribunal, li din l-azzjoni hija azzjoni ta' persuna li teżerċita professjoni għad-drittijiet tagħha, u li għaldaqstant tinkwadra eżattament taħt l-artiklu preskrittiv sollevat mis-soċjeta` konvenuta.

L-abbli difensur tas-soċjeta` attriċi ssottometta li dan l-artiklu ma japplikax fil-każ odjern u dan għaliex għandu japplika artiklu ieħor relattiv għas-soċjetajiet kummerċjali, bħal ma huma l-partijiet f'din il-kawża, fejn allura tapplika l-preskrizzjoni tal-ħames snin. Fil-fehma tat-Tribunal, il-fatt li s-soċjeta` attriċi hija kumpanija inkorporata skont il-liġi u għaldaqstant persuna ġuridika u mhux persuna fiżika ma jnaqqasx il-potenzjal tagħha li twettaq xogħol ta' professjonista. Waħda m'hijiex inkompatibbli mal-oħra. Inoltre l-artikolu preskrittiv li jkopri l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali, għandu jiġi applikat biss fin-nuqqas ta' artikolu preskrittiv speċifiku u partikolari għall-azzjoni li jkollu quddiemu l-ġudikant.

Illi ladarba huwa stabbilit li l-artikolu preskrittiv ċitat huwa applikabbli fil-każ in eżami, it-Tribunal għandu jara jekk it-terminu preskrittiv ta' sentejn skattax.

Illi x-xogħol imwettaq fil-każ odjern u li għalih qed jintalab il-ħlas imur lura sa Ottubru u Novembru tas-sena 2009, u wkoll għal Marzu tas-sena 2010. Illi fit-talba tagħha, s-soċjeta` attriċi ddikjarat li ppreżentat fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta, ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.16. Illi din fl-ebda stadju ma ġiet esebita fl-atti għall-konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal. L-ewwel att ġudizzjarju li jirriżultalu t-

Tribunal huwa sewwasew it-talba odjerna, liema talba ġiet ippreżentata fit-8 t'Awwissu 2012.

Illi għaldaqstant fil-każ odjern m'hemm l-ebda dubju li kienu għaddew iktar minn sentejn mid-data tax-xogħolijiet sa meta l-attur interpella lill-konvenut uffiċjalment b'mod li seta' jinterrompi l-preskrizzjoni. Illi huwa risaput li telefonati, ittri, emails u kwalsiasi interpellazzjoni oħra li setgħet bagħtet is-soċjeta` attriċi, ma jinterrompux il-preskrizzjoni, għaliex l-att ġudizzjarju biss għandu l-kapaċita` li jinterrrompi l-preskrizzjoni.

Minkejja li s-soċjeta` attriċi, min-naħa tagħha ma nterrompietx il-preskrizzjoni u ħalliet it-terminu jgħaddi mingħajr azzjoni ġudizzjarja, jista' jkun il-każ li l-eċċipjenti, bl-aġir tiegħu ikun interrompa l-preskrizzjoni huwa stess.

Id-direttur tas-soċjeta` attriċi Mario Attard Trevisan u anke s-segretarja Catherine Azzopardi xehdu li Jason Mifsud ġieli rrikonoxxa d-debitu u cioe l-ammont pretiż f'din il-kawża. Iżda t-Tribunal huwa tal-fehma li ma nġibitx prova suffiċjenti tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, bħal per eżempju, d-data meta intqal dan id-diskors. Ix-xhieda hija fis-sens "**fil-bidu** s-sur Jason kien jgħidli li ser jagħmel il-pagament mitlub" u "**aktar tard** kien jgħidli biex ngħaddilu statement".

Illi ntqal fil-ġurisprudenza tagħna illi sempliċi kollokwi jew konverżazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur ma jammontawx għar-rikonoxximent tad-dejn u għalhekk ma jistgħux jinterrompu l-preskrizzjoni.

Illi sabiex tiġi interrotta l-preskrizzjoni l-aġir irid ikun tali li jinkwadra r-rekwiżiti meħtieġa għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kif stabbilit mill-ġurisprudenza tagħna u cioe 1) il-volontarjeta', 2) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut 3) l-inekwivoċita' u 4) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt ieħor li jimplika ammissjoni.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, is-soċjeta` konvenuta m'aġixxietx b'mod li setgħet itterrompiet it-terminu preskrittiv għajr fir-rigward tas-somma ta' mitejn u wieħed u tletin Ewro (€231), li ddikjarat li huma dovuti lis-soċjeta` attriċi, fir-risposta tagħha. Dan l-ammont, anke jekk fuqu laħaq għadda t-terminu preskrittiv ta' sentejn, ladarba huwa rikonoxxut inekwivokament, għaldaqstant m'huwiex preskritt.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jiddikjara illi parti mis-somma pretiża u cioe s-somma ta' disa' mija u disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu  (€999.74) hija preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149(c) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement qiegħed jilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-soċjeta` konvenuta u mis-soċjeta` kjamata in kawża iżda dana limitatament għas-somma ta' ta' disa' mija u disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu  (€999.74). It-Tribunal jiddikjara illi l-ammont ta' mitejn u wieħed u tletin Ewro (€231) m'huwiex preskritt u għaldaqstant jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-soċjeta` konvenuta u mis-soċjeta` kjamata in kawża sa dan l-ammont.

It-Tribunal qiegħed jordna il-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------